Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,994, 29 ta' Settembru, 2000
Taqsima B

A.L. 193 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Postgraduate Certificate in Basic Clinical Psychiatry

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Postgraduate Certificate in Basic Clinical Psychiatry.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur għall-Kors;

"il-Kors" tfisser il-Kors li jwassal għall-Postgraduate Certificate; u

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Basic Clinical Psychiatry.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara.

Eliġibbilita' għall-Postgraduate Certificate

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors skond il-provvedimenti tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) jissodisfaw ir-Rekwiżiti għad-Dħul skond ir-regolament 4;

(ċ) itemmu l-kors ta' studji, jiksbu mill-anqas 16-il kredtu (inklużi l-kredti għall-istudji tal-każijiet, għall-*log book* u għall-*audit project*) u jissodisfaw xi rekwiżiti oħra kif preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(d) jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti fi statuti, regolamenti u ordinamenti oħra rilevanti ta' l-Universita'.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. L-applikanti jistgħu jirreġistraw għall-Kors jekk huma għandhom jew il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery ta' dan l-Universita' jew kwalifika kkonsidrata ekwivalenti mis-Senat, u huma impjegati bħala Senior House Officers fid-Dipartiment tal-Psikjatrija tad-Diviżjoni tas-Saħħa tal-Ministeru tas-Saħħa meta jibda l-Kors.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

5. L-applikanti għandhom japplikaw għall-Kors fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors jinfirex fuq sena ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Kors ta' Studji u l-Valutazzjoni

7. Il-kors ta' studji għandu jikkonsisti f'taqsima studju teoretika, studji tal-każijet, *log book* u *audit project*, u prattika klinika.

8. (1) It-taqsima studju teoretika għandha tikkonsisti f'konferenzi u studju individwali li jkopru t-temi li ġejjin:

Sciences basic to Psychiatry
Diagnostic and Clinical Syndromes
Therapeutic Skills.

(2) Meta jtemmu din it-taqsima studju, l-istudenti jkunu meħtieġa joqogħdu għal żewġ karti ta' l-eżami bil-miktub. L-istudenti li jgħaddu fiż-żewġ karti jingħataw 8 kredti.

9. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jiktbu għadd ta' studji tal-każijiet u jħejju *log book* u *audit project*, taħt id-direzzjoni ta' superviżur maħtur mill-Bord ta' l-Istudji. L-istudji tal-każijiet, il-*log book* u l-*audit project* għandhom ikunu sottomessi sa' nofs Ġunju.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jiddefendu l-istudji tal-każijiet, il-*log book* u l-*audit project* matul eżami *viva voce*. L-istudenti li jgħaddu mill-eżami *viva voce* għandhom jingħataw 4 kredti.

10. Matul il-Kors l-istudenti huma meħtieġa jagħmlu prattika klinika, li tkun eżaminata permezz ta' eżami kliniku fi tmiem il-Kors. L-istudenti li jgħaddu minn dan l-eżami għandhom jingħataw 4 kredti.

11. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-komponenti tal-Kors indikati fir-regolamenti 8, 9 u 10 ikunu ppubblikati skond l-iskema ta' l-iggradar li ġejja, li tibda mill-ogħla grad: A+, A, B+, B, C+, C, D+ u D. F tindika li wieħed weħel.

12. L-istudenti li jeħlu fl-eżamijiet tat-taqsima studju teoretika jew fl-eżami kliniku għandhom jitħallew joqogħdu għal eżami riparatorju darba biss fis-sessjoni ta' l-eżamijiet li jmiss. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jistgħu jingħataw huwa l-grad D.

13. L-istudenti li l-istudji tal-każijiet, il-*log book* u l-*audit project* tagħhom ma jkunux approvati jkunu kkonsidrati li weħlu mill-Kors.

Il-Katalgu tal-Kors

14. Katalgu li jagħti tagħrif dwar il-komponenti tal-Kors għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Ir-Riżultat Finali

15. (1) Ir-riżultat finali għandu jqis il-livell milħuq mill-istudenti fil-komponenti kollha tal-Kors, li għandhom jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati lil kull wieħed.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Postgraduate Certificate għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.